



---

**TESTI ADOTTATI**

---

**P9\_TA(2022)0448**

**Suspetti ta' korruzzjoni mill-Qatar u l-ħtieġa usa' ta' trasparenza u responsabbiltà fl-istituzzjonijiet Ewropej**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2022 dwar is-suspetti ta' korruzzjoni mill-Qatar u l-ħtieġa usa' ta' trasparenza u responsabbiltà fl-istituzzjonijiet Ewropej (2022/3012(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu tas-27 ta' April 2021 dwar il-konklużjoni ta' ftehim interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Settembru 2021 dwar it-tisħiħ ta' trasparenza u l-integrità fl-istituzzjonijiet tal-UE billi jiġi stabbilit korp tal-etika indipendenti tal-UE<sup>2</sup>,
  - wara li kkunsidra l-prinċipju ġuridiku tal-preżunzjoni tal-innoċenza;
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Marzu 2022 dwar l-indhila barrani fil-proċessi demokratiċi kollha fl-Unjoni Ewropea, inkluża d-diżinformazzjoni<sup>3</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 10 u 11 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-uffiċċju tal-prosekutur federali Belġjan beda investigazzjoni li għadha għaddejja dwar allegazzjonijiet ta' ħasil tal-flus, korruzzjoni u parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali; billi mid-9 ta' Diċembru 2022 saru diversi arresti u perkwizzjonijiet fi Brussell, li rrigwardaw Membri attwali u ex Membri tal-Parlament Ewropew, kif ukoll il-persunal,
- B. billi diversi suspettati diġà ġew akkużati b'ħasil tal-flus, korruzzjoni u parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali; billi l-forzi tal-pulizija ssekwestraw somom konsiderevoli ta' flus fil-pussess ta' persuni suspettati wara li saru perkwizzjonijiet f'darhom;

---

<sup>1</sup> ĠU C 506, 15.12.2021, p. 127.

<sup>2</sup> ĠU C 117, 11.3.2022, p. 159.

<sup>3</sup> ĠU C 347, 9.9.2022, p. 61.

- C. billi l-fiduċja fl-integrità tal-Parlament u fl-istat tad-dritt hija tal-ogħla importanza għall-funzjonament tad-demokrazija Ewropea; billi huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-proċessi demokratiċi ma jinħatfux minn interessi privati u esterni u li d-drittijiet taċ-ċittadini jiġu rispettati bis-sħiħ;
  - D. billi l-kapaċità tar-rappreżentanti tal-gruppi ta' interess li jinfluwenzaw il-proċess deċiżjonali fil-Parlament bis-saħħa ta' argumenti hija element essenzjali tad-demokrazija Ewropea; billi, mill-banda l-oħra, il-mezzi mhux xierqa biex issir tali influwenza, it-tixħim u reati oħra huma inaċċettabbli;
  - E. billi l-Parlament espona l-pożizzjoni tiegħu u talab li jiġi stabbilit korp tal-etika ambizzjuż fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Settembru 2021;
  - F. billi d-Direttiva (UE) 2019/1937<sup>1</sup> tipproteġi lill-informaturi meta, f'ċirkostanzi speċifiċi, jidvelaw għemil ħażin direttament u pubblikament;
  - G. billi r-reġistru tat-trasparenza huwa element ċentrali tal-qafas etiku u tat-trasparenza tal-istituzzjonijiet tal-UE;
  - H. billi l-organizzazzjoni mhux governattiva "Fight Impunity" sa issa għadha ma ġietx irreġistrata fir-reġistru tat-trasparenza;
1. Jinsab ixxukkjat bl-allegati atti ta' korruzzjoni, ħasil tal-flus u parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali min-naħa ta' Membri, ex Membri u persunal tal-Parlament Ewropew, bi skambju għal influwenza fuq id-deċiżjonijiet tal-Parlament, u jesprimi tħassib serju dwar tali atti; jappoġġa l-kooperazzjoni sħiħa tal-Parlament mal-investigazzjoni kriminali li għaddejjja bħalissa; jinnota bi tħassib li l-mekkaniżmi interni ta' monitoraġġ u ta' twissija tal-istituzzjonijiet tal-UE naqsu b'mod drammatiku milli jidentifikaw il-korruzzjoni li kienet għaddejjja;
  2. Jiddenunzja bl-aktar mod qawwi l-allegati tentattivi tal-Qatar li jinfluwenza l-Membri, l-ex Membri u l-persunal tal-Parlament Ewropew permezz ta' atti ta' korruzzjoni, li jikkostitwixxu ndħil barrani gravi fil-proċessi demokratiċi tal-UE;
  3. Jissottolinja li l-gravità u l-kobor tal-investigazzjonijiet li għaddejjin jirrikjedu li l-Parlament u l-istituzzjonijiet tal-UE jirreaġixxu b'unità inekwivokabbli u b'determinazzjoni soda;
  4. Jiddeplora b'mod qawwi l-fatt li d-deċiżjonijiet adottati mill-kumitati u mill-assemblea plenarja dwar il-Qatar x'aktarx li nbidlu minħabba l-korruzzjoni u l-influwenza mhux xierqa, inkluża r-riżoluzzjoni adottata fl-24 ta' Novembru 2022 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tat-Tazza tad-Dinja tal-FIFA fil-Qatar; jiddeplora li dan wassal għal nuqqas ta' ambizzjoni fid-difiża tad-drittijiet tal-bniedem tal-eluf ta' ħaddiema migranti li mietu f'siti ta' kostruzzjoni u tal-mijiet ta' eluf ta' persuni li d-drittijiet fundamentali tagħhom qed jiġu injorati fil-Qatar;
  5. Jitlob li jitwaqqaf kumitat speċjali inkarigat mill-identifikazzjoni ta' nuqqasijiet potenzjali fir-regoli tal-Parlament Ewropew fil-qasam tat-trasparenza, l-integrità u l-

---

<sup>1</sup> Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU L 305, 26.11.2019, p. 17).

korruzzjoni u mill-formulazzjoni ta' proposti għal riforma, abbażi tax-xogħol tal-Kumitat għall-Affarjiet Kostituzzjonali u tal-aħjar prattiki f'parlamenti oħrajn;

6. Jimpinja ruħu li jwaqqaf kumitat ta' inkjesta, skont l-Artikolu 226 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, wara l-eżitu tal-investigazzjonijiet kriminali u ta' eventwali proċedimenti ġudizzjarji, bil-għan li jinvestiga każijiet ta' korruzzjoni u azzjonijiet mhux xierqa min-naħa ta' pajjiżi terzi li jippruvaw jixtru influwenza fil-Parlament Ewropew;
7. Jinsab imħasseb bil-kunflitti ta' interess potenzjali li jikkawżaw ix-xogħlijiet sekondarji tal-Membri, speċjalment meta jkunu maniġers, membri ta' bordijiet tad-diretturi jew ta' bordijiet konsultattivi jew konsulenti ta' banek, kumpaniji multinazzjonali jew kumpaniji kkwotati fil-borża;
8. Jilqa' pożittivament it-tmiem qabel iż-żmien tal-kariga ta' Viċi President tal-Membru Eva Kaili, kif previst mill-Artikolu 21 tar-Regoli ta' Proċedura;
9. Jitlob li Viċi President iddedikat jiġi inkarigat mill-integrità u mill-ġlieda kontra l-korruzzjoni u mill-indħil barrani fil-Parlament;
10. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tressaq proposta biex jiġi stabbilit korp tal-etika mill-aktar fis possibbli, konformement mar-risoluzzjoni tal-Parlament tas-16 ta' Settembru 2021;
11. Jipproponi li jiddaħħal perjodu ta' preklużjoni għall-ex Membri tal-Parlament Ewropew bil-għan li jiġu evitati l-effetti negattivi tal-hekk imsejjaħ fenomenu tar-"revolving doors";
12. Jitlob evalwazzjoni bir-reqqa u titjib tal-leġġibbiltà tal-attivitajiet leġislattivi tal-Membri, b'mod partikolari billi jsiru magħrufa l-impronti leġislattivi tat-testi u tal-emendi proposti;
13. Jimpinja ruħu li jiżgura t-trasparenza totali tal-ammont eżatt tal-introjtu aċċessorju tal-Membri tal-PE u jipprojbixxi kwalunkwe finanzjament estern tal-persunal tal-Membri u tal-gruppi; jimpinja ruħu li jistabbilixxi projbizzjoni fil-livell tal-UE fuq donazzjonijiet minn pajjiżi terzi lill-Membri u lill-partiti politiċi, sabiex jingħalqu l-lakuni fl-Istati Membri; jitlob li l-Kummissjoni tressaq b'urġenza proposta f'dan ir-rigward;
14. Jitlob b'urġenza li l-kards ta' aċċess tar-rappreżentanti tal-interessi tal-Qatar jiġu sospiżi, konformement mal-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, sa meta l-investigazzjonijiet ġudizzjarji jagħtu informazzjoni u kjarifiki rilevanti;
15. Jemmen li r-reġistru tat-trasparenza tal-UE għandu jissaħħaħ billi jiżdidulu l-baġit u n-numru ta' membri tal-persunal, bil-għan li jkun jista' jivverifika b'aktar reqqa l-informazzjoni mogħtija mill-applikanti u mir-reġistranti; jemmen barra minn hekk li l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu għandu jitwessa' biex jinkludi r-rappreżentanti ta' pajjiżi terzi;
16. Jenfasizza li, bħala prerekwiżit, biex il-gruppi ta' ħbiberija jkomplu jeżistu fil-Parlament iridu jiġu rregolati u ssorveljati kif xieraq; jagħti istruzzjonijiet lill-Kwesturi biex jimplimentaw ir-regoli eżistenti u jiżviluppaw u jżommu reġistru aċċessibbli u aġġornat tal-gruppi u tad-dikjarazzjonijiet ta' ħbiberija;

17. Jitlob li r-reġistru tat-trasparenza jsir obbligatorju;
18. Jitlob li r-reġistru tat-trasparenza jiġi estiż għall-ex Membri;
19. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE jadottaw b'urġenza miżuri biex jintroduċu l-prattika ta' "perjodi ta' preklużjoni" minimi għall-uffiċjali ta' livell għoli tal-UE u għall-ex Membri sabiex jiġi evitat il-fenomeni tar-"revolving doors";
20. Jirrakkomanda reviżjoni tar-Regolamenti tal-Persunal, speċjalment tal-Artikolu 22(c) tagħhom, bil-għan li jiġi allinjat mal-istandards tad-Direttiva dwar l-Informaturi; jistieden, fil-frattemp, lill-Bureau jirrevedi immedjatament ir-regoli interni dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 22c tar-Regolamenti tal-Persunal, bil-għan li jkunu allinjati mas-salvagwardji mogħtija fid-Direttiva dwar l-Informaturi;
21. Jenfasizza r-rwol tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE), tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), tal-Europol u tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni; jitlob li l-kapaċitajiet tal-UPPE u tal-OLAF jissaħħu aktar, kif ukoll il-kooperazzjoni ta' bejniethom; jitlob regoli komuni dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni applikabbli għall-membri u għall-persunal tal-korpi tal-UE;
22. Jemmen li l-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-assi min-naħa tal-Membri fil-bidu u fit-tmiem ta' kull mandat tkun toffri salvagwardji addizzjonali kontra l-korruzzjoni, skont l-eżempju ta' ħafna Stati Membri; jemmen li d-dikjarazzjoni tal-assi tista' tkun aċċessibbli biss għall-awtoritajiet kompetenti biex ikunu jistgħu jivverifikaw jekk l-assi ddikjarati humiex kompatibbli mal-introjti ddikjarati fil-każ li joħorġu allegazzjonijiet fondati, u dan ikun jagħmel diffiċli ħafna l-infiq tar-rikavat illegali;
23. Jissospendi x-xogħlijiet kollha fuq il-fajls leġislattivi relatati mal-Qatar, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-liberalizzazzjoni tal-viżi u mal-ftehim mal-Qatar fis-settur tal-avjazzjoni, u maż-żjarat ippjanati, sakemm l-allegazzjonijiet ikunu ġew ikkonfermati jew miċħuda;
24. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u lill-Gvern u lill-Assemblea Konsultattiva tal-Qatar.